# QORTI TA’ L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)

### Seduta ta’ nhar-il Erbgħa 5 ta’ Ottubru 2016

**App. Nru. 364/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charlot Borg**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Charlot Borg, karta ta’ l-identita` numru 555977(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli fit-22 ta’ Awwissu 2006 u fix-xhur ta’ qabel mingħajr il-kunsens jew awtorita` ta’ Maria Caruana qabad u daħal fir-razzett “St. Joseph”, Triq il-Gudja, Tarxien, limiti tal-Gudja, kif ukoll kontra l-volonta` espressa u ċara ta’ Maria Caruana eżerċita d-dritt li jippretendi li għandu, meta m’għandu l-ebda dritt mogħti lilu minn Maria Caruana li jidħol f’dan il-*farm* jew f’parti minu u jikkapparrah;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali mogħtija fis-6 ta’ Lulju 2013 li permezz tagħha ma sabitx lill-imsemmi Charlot Borg ħati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u lliberatu minnhom;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fis-26 ta' Lulju 2013 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar, tikkanċella u tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjaraha nulla u bla effett u sussegwentement tiddisponi minnha skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Permezz ta' l-ewwel aggravju tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jgħid illi s-sentenza appellata għandha titqies nulla. Huwa jgħid:

> "Illi s-sentenza appellata ggib id-data tas-6 ta' LuIju 2013, li kien nhar ta' Sibt. Din hija d-data indikata anki fil-verbal ta' meta suppost nghatat l-istess sentenza;
>
> "Illi mill-verbal tat-30 ta' April 2013 (li huwa l-verbal precedenti ghal dak tas-6 ta' Lulju), jirrizulta li l-kawza kienet giet differita ghad-9 ta' Lulju 2013. Infatti, mill-informazzjoni li gabar l-esponent minn persuni li kienu prezenti waqt is-seduta (minhabba li ovvjament l-esponent ma kienx prezenti meta nghatat is-sentenza), fil-verita` is-sentenza nghatat fid-9 ta' Lulju 2013;
>
> "Illi huwa car ghalhekk li d-data li ggib is-sentenza hija wahda zbaljata u dan il-fatt necessarjament igib in-nullita` tas-sentenza appellata. F'dan ir-rispett 1-esponent qieghed jaghmel referenza ghas-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fI-ismijiet ***Il-Pulizija v. James Camilleri*** (26 ta' Ottubru 2006), ***Il-Pulizija v. Ismail Guclu*** (25 ta' Marzu 2010) u finalment ***Il-Pulizija v. Paul Vassallo*** (13 ta' Marzu 2013 - sentenza parzjali)."

**6.** Din il-Qorti tgħid mingħajr tlaqliq li l-Avukat Ġenerali għandu raġun. Effettivament jidher ċar li s-sentenza dattilografata uffiċjali fl-atti (a fol. 392 u 393) iġġib d-data tas-6 ta' Lulju 2013. Il-verbal tas-seduta li fiha suppost ingħatat din is-sentenza ukoll iġib id-data tas-6 ta' Lulju 2013. Ħarsa lejn il-kalendarju tas-sena 2013 juri li s-6 ta' Lulju 2013 kien is-Sibt. Skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 412 tal-Kodiċi Kriminali: **"Il-Qorti tal-Maġistrati għandha żżomm is-seduti ordinarji tagħha kuljum, <u>minbarra s-Sibt</u>, btajjel pubbliċi skond l-Att dwar il-Jum Nazzjonali u Btajjel Pubbliċi oħra, u l-Erbgħa u l-Ħamis tal-Gimgħa l-Kbira"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Ma tirriżulta l-ebda raġuni skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 412 tal-Kodiċi Kriminali biex kellha tinżamm seduta fil-jum tas-Sibt. Fil-fatt mill-verbal tas-seduta preċedenti, dik tat-30 ta' April 2013, jirriżulta li l-kawża kienet ġiet differita għad-9 ta' Lulju 2013.

**7.** F'dar-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament ippresjeduta fis-26 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. James Camilleri** u għas-sentenza mogħtija wkoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ismail Guclu** fejn is-

sentenzi appellati kellhom data żbaljata u ġew annullati u rimessi lill-Ewwel Qorti sabiex tingħata sentenza bid-data korretta. Tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif ippresjeduta fit-13 ta' Marzu 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Vassallo** fejn annullat is-sentenza appellata u pprosegwiet bis-smiegħ tal-kawża wara li kkunsidrat hekk:

> "**8.** Din il-Qorti taqbel li s-sentenza appellata għandha tiġi annullata iżda tirreferi għall-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi: **"Jekk il-qorti superjuri ssib li l-qorti inferjuri, għad li kompetenti biex tisma' l-każ, iddikjarat li ma kinitx hekk kompetenti, għandha tħassar is-sentenza, u tiddeċidi l-kawża fuq il-mertu. L-istess isir meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalità li trid il-liġi taħt piena ta' nullità, jew li tkun xort'oħra sostanzjali."** In-nuqqas f'dan il-każ għandu jitqies bħala nuqqas sostanzjali. Konsegwentement is-sentenza appellata sejra tiġi annullata u din il-Qorti tipproċedi bis-smiegħ fil-mertu."

**8.** Dak li ntqal f'dik is-sentenza japplika *mutatis mutandis* fil-każ odjern. Għalhekk l-ewwel aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jimmerita akkoljiment u mhuwiex il-każ li din il-Qorti tikkunsidra l-aggravji l-oħra mressqa.

**9.** Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett u tordna l-prosegwiment fil-mertu.